# MILL-ARKIVJU - L-Istandard

Fis-sena 1987 is-Soċjeta' tagħna bdiet toħroġ fuljett kull xahrejn li kien jitqassam lil kull familja residenti f'Ħad-Dingli. Dan il-fuljett kien jiġbor fih informazzjoni fuq is-Soċjeta' kif ukoll fuq ir-raħal ta' Ħad-Dingli. Il-ħarġa ta' Lulju u Awissu kienet tkun ħarġa Speċjali li tinkludi fiha l-attivitajiet tal-festa.

Kienu diversi l-attivitajiet interessanti li jinsabu f'dawn il-fuljetti. Fil-programm tal-festa fl-ewwel ħarġa Speċjali ta' L-Istandard insibu li kienet itellgħat Wirja tal-Arti u Skultura fis-Sala tal-Każin mis-Sur Francis Ebejer fit-13 ta' Awissu tas-sena 1987. Kienet ġiet organizzata wkoll il-Lejla Maltija fil-pjazza tal-każin fit-18 ta' Awissu, u fit-23 ta' Awissu jiġifieri f'Jum il-Festa il-Banda Santa Marija laqgħet l-istatwa ħdejn il-Każin tagħha fejn akkumpanjat il-purċissjoni. F'dik is sena għall-ewwel darba l-Banda Santa Marija bdiet tagħmel il-marċ brijjuż wara l-purċissjoni, liema marċ hu magħruf aktar bħala l-Marċ tal-Aħħar u li għadu popolari sal-lum. Fl-istess ħarġa insibu wkoll li l-pjazza kienet ġiet imżejna b'sett bandalori ġodda li ġew iddisinjati mis-Sur John Spiteri u li saru mill-membri tas-Sotto Kumitat tan-Nisa taħt is-sorveljanza tas-Sinjura Mary Sammut Lanzon. Fl-istess sena is-Sur Sebastian Aquilina ħadem kuruna li ġiet indurata mis-Sur John M. Farrugia, li ġiet ikkumplimentata b'erba' anġli ma]duma mill-iskultur s-Sur Angelo Agius mgħejjun mis-Sur Kristinu Zahra. Kemm l-bandalori kif ukoll il-kuruna għadhom jiġu mgawda mid-Dinglin u dawk kollha li jiġu fir-raħal tagħna fi żmien tal-festa.

Jidher li l-membri tal-Kumitat kienu jikbtu l-messaġġ tagħhom f'kull ħarġa Speċjali ta' L-Istandard. Fil-ħarġiet kollha kont issib Rokna għat-Tfal, Rokna Sportiva, xi messaġġi minn persuni midħla tal-Banda Santa Marija, Kompetizzjonijiet u ammont kbir ta' informazzjoni fuq ħad-Dingli tul il-ħarġiet kollha ta' l-istess fuljett. Insibu wkoll diversi artikli mid-Drammaturgu w President Onorarju tal-Għaqda Mużikali Santa Marija s-Sur Francis Ebejer.

Titwila lejn il-Programmi għall-festa ta' Santa Marija; avveniment importanti ieħor, li jidher fil-ħarġa numru 18 ta' L-Istandard hija dik ta' Akkademja Mużiko-Letterarja mill-Għaqda Mużikali Santa Marija flimkien mal-Presbiterju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' ħad-Dingli nhar is-27 t'Ottubru 1989, taħt il-Patronċinju tal-Vigarju ġenerali Mons. Annotto Depasquale. Il-Banda Santa Marija kienet ukoll avviċinat lill-Kor Parrokkjali Santa Katerina taż-Żejtun biex jakkumpanjaha. L-okkażjoni ta' din l-Akkademnja kienet il-50 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tar-raħal tagħna. Il-Kappillan f'dak il-perjodu kien Dun Richard Borg.

Ma jonqsux ukoll Ritratti Memorabbli, aktar u aktar għaż-żmenijiet tal-lum, fosthom il-mod ta' kif kienet tiżżejjen il-knisja l-antika fi żmien tal-festa. Insibu wkoll diversi attivitajiet li kien jorganizza s-Sotto Kumitat tan-Nisa fi ħdan l-istess Soċjeta'.

